MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## RAPHAEL FENECH ADAMI

Seduta ta' l-1 ta' Dicembru, 2008

Talba Numru. 745/2008

**Medairco Limited – C-1697**

**Vs**

**Natalino Galea**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi li gie pprezentat fid-9 ta` Ottubru, 2008 fejn intalab li l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta` €81.53c, rapprezentanti prezz ta` bejgh, konsenja u servizzi ezegwiti mis-socjeta` attrici fuq instruzzjoni a beneficcju ta` l-istess konvenut.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Ra illi ghalkemm il-konvenut kien gie debitament notifikat baqa` ma pprezenta ebda risposta in kontestazzjoni ghat-talba attrici.

Sema` lil avukat Dr. Mark Mifsud Cutajar li kkonferma bil-gurament l-ammont kien ghadu dovut.

Gie notat ukoll illi l-konvenut ghalkemm imsejjah diversi drabi baqa` ma deherx u wisq anqas ressaq xi kontestazzjonijiet ghat-talba attrici.

Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz, billi jilqa` t-talba attrici, konsegwentement jikkundanna lil konvenut ihallasha s-somma mitluba ta` €81.53c, bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-prezentata ta` dan l-avviz u bl-ispejjez kollha ta` din l-istanza a karigu ta` l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------